MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 1308/2003

**Mark Gauci**

**vs**

**Joseph Camilleri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Gunju, 2003 fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur l-ammont da likwidarsi li ma jeccedix l-elf u hames mitt lira Maltija (Lm1500.00) ghad-danni minnu kkagunati lill-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FAE-073 propjeta` ta' l-attur, inkluz prezz ta' survey u ammont dovut bhala telf ta' uzu tal-vettura;**
**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-17 ta' Lulju, 2003, fejn intqal illi l-konvenut qieghed jikkontesta t-talba attrici peress illi huwa bl-ebda mod ma huwa responsabbli ghal xi danni li seta' sofra l-attur u dana inter alia peress illi waqt il-hin ta' l-allegat incident il-konvenut kien safa aggredit, imsawwat u ferut mill-attur, huh u shab l-attur u kien fin-necessita attwali u mmedjata li jirrikorri ghall-ghajnuna sia medika u polizjeska ;**
**Salvi eccezzjonijiet ohra.**
**Bl-ispejjez kontra l-attur.**

**Ra d-decizjoni preliminari tat-2 ta' Dicembru, 2003 li biha cahad it-talba tal-konvenut sabiex it-Tribunal jissoprasjedi.**

**Sema' x-xhieda ta' Mark Gauci, Noel Gauci, John Callus, Dolores Camilleri u Joe Grech. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. L-attur qieghed ifittex ghal danni kkagunati fuq il-vettura tieghu mill-konvenut. Il-konvenut qieghed ighid li mhux responsabbli peress li fl-allegat hin ta' l-incident kien aggredit mill-attur u shabu u kien f'necessita' mmedjata li jirrikorri ghall-ghajnuna.**
**2. Mark Gauci l-attur xehed illi kien waqaf ikellem lill-konvenut meta dana allegatament aggredieh. L-attur ighid li ddefenda ruhu u meta kellhom xi jghidu kienu fil-vann tal-konvenut. Skond l-attur meta hu kien beda sejjer lejn il-vettura tieghu l-konvenut saq ghal fuqu, l-attur skapulah u l-konvenut habat fil-vettura ta' l-attur.**
**3. Id-danni li sofra l-attur fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FAE 073 huma dawk murija fir-ritratti Dok A 2 u A3 esebiti.**
**4. Noel Gauci hu Mark Gauci kien mar fuq il-post u ra l-vettura ta' l-attur bid-daqqa msemmija. Skond l-istess xhud kien infurmat mill-attur illi l-konvenut**

**waddabblu mqass tas-sigar li laqat il-vettura. Qal ukoll illi fuq il-vann tal-konvenut ra brix.**

**5. Il-konvenut Joseph Camilleri jghid li fit-2 ta' Lulju, 2001 kien kellem lil missier Mark Gauci biex iwissi lill-uliedu biex ma jaghmlux hsara fil-proprjeta' tieghu, dana minhabba xi kwistjoni dwar proprjeta' kontigwa li ghandhom il-partijiet. Il-konvenut ighid illi meta mar id-dar wara nofs inhar, sab lil Mark Gauci fit-triq u dan allegatament fetahlu l-bieba tax-xellug tat-truck u beda jaghtih filwaqt illi wahhallu spanner taht ghonqu. Sussegwentement gie allegatt li mar Emanuel Gauci hu Mark Gauci illi kaxkar lill-konvenut ghal nofs it-triq. Il-konvenut ighid li l-attur ghalaqlu t-triq bil-karozza u l-konvenut meta mar biex jikser l-steering hass wega' kbira fi spaltu u dahal fil-karozza ta' l-attur.**

**6. Skond certifikat mediku esebit Dok X il-konvenut kellu *«dislocated shoulder».* Dana rrizulta wkoll mid-dokument JC 1 esebit li hu certifikat ta' l-isptar.**

**7. Mart il-konvenut Dolores Camilleri tghid li rat l-incident jigri u tghid li rat lil zewgha jsuq u jahbat fl-Escort li kienet ipparkjata tibblokka parti mit-triq.**

**8. Il-punt li ried ghalhekk jigi determinat huwa jekk il-konvenut fic-cirkostanzi setghax jigi ritenut responsabbli ghad-danni li gew kawzati.**

**9. Biex wiehed ikun responsabbli ghal danni jehtieg illi jkun hemm jew att illegali jew inkella negligenza. Mill-provi mismugha t-Tribunal hu sodisfatt illi l-konvenut definittivament kien imwegga', u b'mod sew. Dak li kellu l-konvenut kien jimpedieh milli jimmanuvra l-karozza u kien ghalhekk li hass il-wega' fi spaltu meta mar jikser l-steering. It-Tribunal hu sodisfatt illi l-konvenut ma jistax jinghad illi kien negligenti fis-sewqan, ghax jekk dan kien qieghed tassew jipprova jitlaq minn post fejn inqala l-inkwiet, kien hemm responsabilita' antecedenti ta' l-attur li bil-vettura tieghu kien qed jibblokka l-istess triq. Ma jistax issa l-attur jirreklama danni gialadarba l-konvenut ma kellu ebda htija fil-ligi ghall-incident li sehh u gialadarba l-istess attur halla l-vettura tieghu b'mod li l-incident difficli li seta' jigi evitat. Ghalhekk it-talbiet attrici m'ghandhomx jigi milqugha.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad it-talbiet attrici. Bl-ispejjez ta’ dina l-istanza kontra l-istess attur, filwaqt illi l-ispejjez tad-decizjoni preliminari tat-2 ta’ Dicembru, 2003 ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------